MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2015

Numru 1/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Silvio Magro)**

**vs**

**Matteo Clementi**

**Enrica Apollonio**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi:

**Matteo Clementi** detentur tal-Karta ta' l-Identita' Taljana bin-numru AV3640192; u

**Enrica Apollonio** detentrici tal-Karta ta' l-Identita' Taljana bin-numru AV3634785.

Akkuzati talli nhar is-17 ta' Gunju, 2015 gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ghall-habta ta' 12:30hrs:-

Dahlu, go xi parti ta' zona ristretta ta' gewwa l-istess ajruport minghajr il-permess tal-Kap tas-Sigurta' fl-Avjazzjoni, u tal-awtorita' responsabbli ghal stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru, jew ta' persuna li tagixxi f'isem dak il-Kap jew dik l-awtorita' u skont kull kondizzjoni li bis-sahha taghha jkun ghal dak iz-zmien inhareg dak il-permess.

Rat l-artikoli 11(1)(a) u 12(1) tal-Kapitolu 405 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta' l-imputati mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fedina penali netta ta' l-imputati u c-cirkostanzi li wassluhom biex ikkommettew dawn ir-reati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 11(1)(a) u 12(1) tal-Kapitolu 405 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-impuzazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom multa ta' elfejn teltt mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) kull wiehed.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------